## PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Rikors Ġuramentat Nru **726/2024**

**AV. ANTOINE CAMILLERI**
**(NUMRU TAL-KARTA TAL-IDENTITA' 495276(M))**
**BĦALA PROKURATUR SPEĊJALI GĦAN-NOM U IN RAPPRESENTANZA TAS-SOĊJETA' ESTERA**
**ADIDAS AG**
**TA' ADI-DASSLER STR. 1, HERZOGENAURACH 91074, GERMANY**

**VS**

**L-AVUKAT DR ADRIANO SPITERI U**
**L-PROKURATUR LEGALI JEAN PIERRE BUSUTTIL**
**LI B'DIGRIET TAT-12 TA' SETTEMBRU 2024 ĠEW MAĦTURA KURATURI DEPUTATI SABIEX JIRRAPPREŻENTAW LIL**
**RETAJ STAR TRADING CO LIMITED**
**U LIL EURL ZAKI DALILIL ISTIRAD LOTISSEMENT AFAK 01 NO 09 LOCAL NO 01 AIN FAKROUN OUM ELBOUAGHI ALGERIA**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, ħamsa u għoxrin (25) t'April 2025**

**Il-Qorti**:

1. Din hija sentenza finali dwar talba sabiex jiġi dikjarat illi konsenja ta' abbiljamenti ta' ħwejjeġ sportivi maqbuda wara applikazjoni bil-miktub tas-soċjeta' rikorrenti lill-Kontrollur tad-Dwana, jikkontravvjenu d-drittijiet tas-soċjeta' rikorrenti in kwantu mhumiex ġenwini, u sabiex il-Qorti tagħti l-ordni sabiex l-istess abbiljamenti jiġu distrutti a spejjeż tal-intimati.

**Preliminari**

2. Permezz ta' rikors ippreżentat nhar is-sitta u għoxrin (26) ta' Ġunju 2024, l-**<u>Av Antoine Camilleri noe</u>** ippremetta:

   a. *Illi s-socjeta' rikorrenti adidas AG, ta' Adi-Dassler Str. 1, Herzogenaurach 91074, Germany hija proprjetarja ta' diversi markji, fosthom il-markju "ADIDAS", il-markju "three stripes device on clothing", il-markju "adidas" u l-markju figurattiv maghruf "trefoil device" liema markji huma wzati mis-socjeta' rikorrenti fuq diversi prodotti manifatturati minnha bhal zraben, sandlijiet, abbiljamenti tal-hwejjeg sportivi, brieret, accessorji elettronici u prodotti ohra, u dan skont kif jidher fuq id-Dokumenti "A", "B", "C", "D", "E" u "F";*

   b. *Illi s-socjeta' rikorrenti hija detentrici tad-dritt ta' proprjeta' industrijali ghar-rigward tal-istess markju "three stripes device on clothing" skont il-provvedimenti tal-Kap 414 tal-Ligijiet ta' Malta (Att Dwar Drittijiet Dwar Propjeta' Intelletwali (Mizuri Intrakonfini)), kif ukoll skont il-provvedimenti tar-Regolament U.E. 608/2013 concerning customs enforcement of intellectual property rights and repealing Council Regulation (EC) No 1383/2003 u dan ukoll minhabba l-fatt illi s-socjeta' rikorrenti irregistrat l-imsemmija markju "three stripes device on clothing" bhala European Union Trade Mark (EU Trade Mark) mal-"European Union Intellectual Property Office" tal-Unjoni Ewropea (ibbazat f'Alicante, Spanja) taht Numru 003517588 (kif muri f'Dok.*

*“A”), Numru 003517661 (kif muri f’Dok. “B”), Numru 018822339 (kif muri f’Dok. “C”) u Numru 018822340 (kif muri f’Dok. “D”), kif ukoll bhala markju rregistrat f’Malta mad-Direttorat ghar-Registrazzjoni tal-Proprjeta’ Industrijali taht Numru 10994 (kif muri f’Dok. “E”) u Numru 30173 (kif muri f’Dok. “F”);*

c. *Illi jirrizulta illi fit-13 u fil-25 ta’ Mejju 2024 iddahhlet gewwa Malta fuq il-vapuri “CMA CGM GREENLAND”, u “CMA CGM AMERIGO VESPUCCI” u/jew giet importata temporanjament u/jew tqieghdet gewwa zona hielsa jew mahzen hieles, konsenja ta’ abbiljamenti tal-hwejjeg sportivi li jgibu fuqhom il-markju “three stripes device on clothing” fuq imsemmija liema konsenja tikkonsisti f’numru ta’ abbiljamenti tal-hwejjeg sportivi li l-ammont taghhom jigi pprovdut matul l-andament tal-kawza u dan wara li d-Dwana ta’ Malta jkollha l-opportunita’ tghodd l-imsemmija abbiljamenti tal-hwejjeg sportivi f’Containers Numri ECMU8109588, ECMU8182064 u CMAU8482032 u li ma humiex genwini, u dan bi ksur tal-provvedimenti tal-Kap 414 tal-Ligijiet ta’ Malta (Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta’ Intellettwali (Mizuri Intrakonfini)), bi ksur tal-provvedimenti tar-Regolament U.E. 2017/1001 on the European Union trade mark u bi ksur tal-provvedimenti tal-Kap. 597 tal-Ligijiet ta’ Malta (Att dwar it-Trademarks), kif inhu ben spjegat hawn taht;*

d. *Illi mill-Poloz ta’ Kargu Numri GGZ2093978, GGZ2093970 u GGZ2104435 (kopji hawn annessi u mmarkati bhala Dok. “J1”, Dok. “J2” u Dok. “J3”) jirrizulta li d-dettalji tax-Shipper ghal merkanzija in kwestjoni huma ndikati bhala “Retaj Star Trading Co., Limited”, filwaqt li l-konsenjatarju huwa ndikat bhala “EURL Zaki Dalilil Istirad Lotissement Afak 01 No 09 Local No 01 Ain Fakroun Oum Elbouaghi Algeria”;*

e. *Illi d-dhul gewwa Malta, u/jew l-esportazzjoni u/jew ir-ri-esportazzjoni ghal-cirkolazzjoni hielsa, u/jew importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta’ oggetti li*

*jikkontravvjenu dritt dwar il-propjeta' intellettwali huwa projbit skont l-Artikolu 4 tal-Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta;*

f. *Illi d-dhul minghajr rilaxx ghal cirkolazzjoni libera f'Malta, fil-kors ta' kummerc, fejn l-oggetti (inkluz l-imballagg taghhom) in kwestjoni joriginaw minn pajjizi terzi u jkollhom markji minghajr awtorizzazzjoni li jkunu identici ghal EU Trade Marks u/jew markji rregistrati f'Malta li jkunu rregistrati fir-rigward ta' dawk l-oggetti, jew li ma jkunux jistghu jingharfu fl-aspetti essenzjali taghhom minn dawk il-markji huwa projbit skond l-Artikolu 9 tar-Regolament U.E. 2017/1001 u/jew skont l-Artikolu 12 tal-Kap. 597 tal-Ligijiet ta' Malta;*

g. *Illi dawn l-abbiljamenti tal-hwejjeg sportivi in kwistjoni jikkontravvjenu d-drittijiet ta' propjeta' intellettwali tas-socjeta' rikorrenti skont l-Artikolu 2(1)(a) u (b) tal-Kap 414 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll jikkontravvjenu d-drittijiet esklussivi taghha skont il-provvedimenti tal-Artikolu 9(4) tar- Regolament U.E. 2017/1001 u skont il-provvedimenti tal-Artikolu 12(7) tal-Kap. 597 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan ukoll kif ser jigi ben spjegat u muri f'aktar dettall maghtul l-andament tal-kawza;*

h. *Illi din il-konsenja ta' abbiljamenti tal-hwejjeg sportivi bhalissa tinsab mizmuma mill-Kontrollur tad-Dwana taht il-provvedimenti tal-Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta u taht il-provvedimenti tar-Regolament U.E. 608/2013 wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta' rikorrenti lill-istess Kontrollur wara li giet ipprovduta lilu l-informazzjoni kollha pertinenti sabiex ikun jista' jiddeciedi dwar dan il-kaz (ara kopji tal-applikazzjoni mmarkati bhala Dok. "G1", Dok. "G2" u Dok. "G3");*

i. *Illi huwa principju ben stabbilit fit-Trattat tal-Komunita' Ewropea u fil-kazistika tal-"Court of Justice of the European Union" illi r-Regolamenti mahruga mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea ghandhom effett dirett gewwa l-pajjizi Membri tal-Unjoni Ewropea u ghaldaqstant il-provvedimenti legali tar- Regolament Regolament U.E. 2017/1001 u tar-Regolament U.E. 608/2013 ghandhom jigu nvokati direttament*

*mill-Qrati Maltin fil-kwistjonijiet u l-kawzi li jkunu qed jigu trattati quddiemhom;*

j. *Illi l-Artikolu 79 tal-Legislazzjoni Sussidjarja Numru 597.04 jistipula illi l-Qrati Maltin li jistghu jittrattaw dwar EU Trade Marks huma l-Prim'Awla tal-Qorti Civili u l-Qorti tal-Appell;*

k. *Illi l-Avukat Dr. Antoine Camilleri noe jiddikjara illi l-fatti suesposti jafhom in parti personalment u in parti minn informazzjoni li nghatatlu mill-Kontrollur tad-Dwana u mill-mandanti tieghu;*

3. Għaldaqstant ir-rikorrent noe talab lil din il-Qorti sabiex:

*i.* *Tiddikjara u tiddeciedi illi l-abbiljamenti tal-hwejjeg sportivi in kwistjoni li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta' rikorrenti lil Kontrollur tad-Dwana, huma oggetti falsifikati u/jew oggetti mdahhla b'piraterija skont l-Artikolu 2(1)(a) u/jew (b) tal-Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta u/jew skont l-Artikolu 2(5) u/jew (6) tar-Regolament U.E. 608/2013;*

*ii.* *Tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' din l-msemmija konsenja ta' abbiljamenti tal-hwejjeg sportivi, f'Containers Numri ECMU8109588, ECMU8182064 u CMAU8482032, da parti tal-intimati jew min minnhom, u li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta' rikorrenti lill-Kontrollur tad-Dwana, jikkontravvjenu d-dritt ta' proprjeta' intellettwali tas-socjeta' rikorrenti in kwantu li ma humiex genwini skont l-Artikolu 2(1)(a) u/jew (b) tal-Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta u ghaldaqstant vjolazzjoni tal-Artikolu 4 tal-istess Kap. 414, u dan fil-konfront tar-registrazzjoni tal-EU Trade Mark Numru 003517588, Numru 003517661, Numru 018822339 u Numru 018822340, u tal-markji rregistrati f'Malta taht Numru 10994 u Numru 30173, irregistrati f'isem is-socjeta' rikorrenti;*

iii. *Tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul minghajr rilaxx ghal cirkolazzjoni libera f'Malta, fil-kors ta' kummerc, ta' din l-imsemmija konsenja ta' abbiljamenti tal-hwejjeg sportivi (inkluz l-imballagg taghhom), f'Containers Numri ECMU8109588, ECMU8182064 u CMAU8482032, da parti tal-intimati jew min minnhom, u li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta' rikorrenti lill-Kontrollur tad-Dwana, jikkontravvjenu d-drittijiet esklussivi tas-socjeta' rikorrenti in kwantu li ma humiex genwini u ghaldaqstant bi vjolazzjoni tal-Artikolu 9(4) tar-Regolament U.E. 2017/1001, u dan fil-konfront tar-registrazzjoni tal-EU Trade Mark Numru 003517588, Numru 003517661, Numru 018822339 u Numru 018822340 irregistrati f'isem is-socjeta' rikorrenti;*

iv. *Tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul minghajr rilaxx ghal cirkolazzjoni libera f'Malta, fil-kors ta' kummerc, ta' din l-imsemmija konsenja ta' abbiljamenti tal-hwejjeg sportivi (inkluz l-imballagg taghhom), f'Containers Numri ECMU8109588, ECMU8182064 u CMAU8482032, da parti tal-intimati jew min minnhom, u li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta' rikorrenti lill-Kontrollur tad-Dwana, jikkontravvjenu d-drittijiet esklussivi tas-socjeta' rikorrenti in kwantu li ma humiex genwini u ghaldaqstant bi vjolazzjoni tal-Artikolu 12(7) tal-Kap. 597 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan fil-konfront tar-registrazzjoni tal-markji rregistrati f'Malta taht Numru 10994 u Numru 30173, irregistrati f'isem is-socjeta' rikorrenti;*

v. *Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana u/jew lis-socjeta' rikorrenti a bazi tal-ewwel talba u/jew tat-tieni talba u/jew tat-tielet talba u/jew tar-raba' talba sabiex jiddistruggu l-abbiljamenti tal-hwejjeg sportivi in kwistjoni minghajr ebda kumpens lil, u ghas-spejjez tal-intimati jew min minnhom, skont l-Artikolu 8 tal-Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta u skond il-provvedimenti tar-Regolament U.E. 608/2013;*

vi. *Tordna kull rimedju iehor li tista' skont it-termini tal-Kap 414 tal-Ligijiet ta' Malta, tal-Kap. 597 tal-Ligijiet ta' Malta, tal-Kap. 488 tal-Ligijiet ta' Malta, tar-Regolament U.E. 608/2013 u tar-Regolament U.E. 2017/1001 fil-konfront tas-socjeta' rikorrenti;*

vii. *Tordna lill-intimati jew min minnhom sabiex ihallsu l-ispejjez kollha fir-rigward tat-trasport, tal-hazna, tad-distruzzjoni tal-abbiljamenti tal-hwejjeg sportivi in kwistjoni, u tal-ispejjez tal-ufficjali tad-Dwana skont it-termini tal-Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta u tar-Regolament U.E. 608/2013;*

viii. *Bl-ispejjez, kontra l-intimati jew min minnhom li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.*

4. Permezz ta' digriet mogħti nhar l-erbgħa (4) ta' Lulju 2024, din il-Qorti appuntat il-kawża għas-seduta ta' nhar il-Ħamis, sbatax (17) t'Ottubru 2024, b'ordni għan-notifika tar-rikors lill-intimati, illi ngħataw għoxrin (20) jum biex jirrispondu skont il-liġi;

5. B'digriet mogħti nhar it-tnax (12) ta' Settembru 2024, l-Av Dr Adriano Spiteri u l-PL Jean Pierre Busuttil ġew nominati minn din il-Qorti Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lil Retaj Star Trading Co Ltd u lil EURL Zaki Dalilil Istirad Lotissement Afak 01 No 09 Local No 01 Ain Fakroun Oum Elbouaghi Algeria;

6. Permezz ta' risposta ġuramentata datata erbatax (14) t'Ottubru 2024, l-intimati **Av Adriano Spiteri noe et** eċċepew:

   a. *Illi s-sottoskritti m'humiex edotti mill-fatti;*

   b. *Għandha tiġi kkonfermata dik l-informazzjoni kollha magħrufa dwar is-soċjetajiet intimati;*

c. *Salv eċċezzjonijiet permessibbli skont il-liġi, speċjalment f'każijiet ta' kuraturi deputati li m'humiex edotti mill-fatti.*

**Il-Qorti**

7. Reġgħet rat ir-rikors tar-rikorrent l-Av Dr Antoine Camilleri noe, u d-dokumenti annessi miegħu;

8. Reġgħet rat id-digriet illi permezz tiegħu nnominat lill-Av Dr Adriano Spiteri u lill-PL Jean Pierre Busuttil kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-intimati Retaj Star Trading Co Limited u lil EURL Zaki Dalilil Istirad Lotissement Afak 01 No 09 Local No 01 Ain Fakroun Oum Elbouaghi Algeria;

9. Rat in-nota tar-rikorrent noe, datata tnejn (2) t'Ottubru 2024, illi permezz tagħha ġie esebit rapport tal-analiżi tas-soċjeta' estera, immarkat **Dok AC1** a fol 133 *et seq* tal-proċess;

10. Reġgħet rat ir-risposta ġuramentata tal-Av Adriano Spiteri noe et;

11. Rat in-nota tar-rikorrent noe illi permezz tagħha ġew esebiti tliet affidavits tal-iSpettur tad-Dwana Randolph Mizzi, u ġew indikati l-ammonti ta' abbiljamenti tal-ħwejjeġ sportivi illi sabet id-Dwana ta' Malta fil-kontejners mertu tal-kawża odjerna (a fol 148 tal-proċess);

12. Rat l-ewwel affidavit ta' **Randolph Mizzi**, immarkat **Dok RM1**, a fol 149-150 tal-proċess;

13. Rat it-tieni affidavit ta' **Randolph Mizzi**, immarkat **Dok RM2**, a fol 151-152 tal-proċess;

14. Rat it-tielet affidavit ta' **Randolph Mizzi**, immarkat **Dok RM3** a fol 154-155 tal-proċess;

15. Rat in-nota ta' referenzi tar-rikorrent noe;

16. Rat illi l-intimati noe naqsu milli jippreżentaw nota ta' referenzi fit-terminu lilhom konċess;

17. Rat illi l-kawża ġiet differita għas-seduta tal-lum għas-sentenza;

18. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Konsiderazzjonijiet Legali**

19. Jirirżulta illi s-soċjeta' estera rikorrenti hija proprjetarja ta' diversi markji, inkluż il-markju "ADIDAS", il-markju *"three stripes device on clothing"*, il-markju *"adidas"* u l-markju figurattiv magħruf bħala *"trefoil device"*. Infatti dawn il-markji huma wżati mis-soċjeta' rikorrenti fuq il-prodott manifatturati minnha, inkluż b'mod partikolari abbiljamenti tal-ħwejjeġ sportivi. Is-soċjeta' rikorrenti annettiet mar-rikors promotur ċertifikati ta' reġistrazzjoni ta' *trademarks* maħruġa mill-*European Union Intellectual Property Office* bin-numru 003517588, 003517661, 018822339 u 018822340, u żewġ ċertifikati ta' reġistrazzjoni ta' *trademark* f'Malta, bin-numru 10994 u 30173[1];

20. **Randolph Mizzi** jgħid fl-ewwel affidavit tiegħu[2] illi nhar it-tlettax (13) ta' Mejju 2024, inħatt il-kontejner bin-numru **ECMU8109588** fil-port ħieles ta' Marsaxlokk, u nhar it-tlieta u għoxrin (23) ta' Mejju 2024, il-kontejner infetaħ u nstabu diversi kaxxi bi prodotti b'markji u disinji illi ġew sorveljati mid-Dwana għal protezzjoni rigward drittijiet ta' proprjeta' intellettwali, fosthom tas-soċjeta' estera adidas AG. Peress illi qam suspett illi dawn il-prodotti kienu falsifikati, il-kontejner inżamm u nħatt f'wieħed mill-imħażen tad-Dwana nhar is-sitta (6) ta' Novembru 2024, fejn instabu mija sitta u

[1] Vide **Dok A sa F** a fol 10 *et seq* tal-proċess
[2] **Dok RM1** a fol 149-150 tal-proċess

tmenin (186) kaxxa b'total ta' ħdax-il elf, mija u sittin (11,160) biċċa ħwejjeġ sportivi b'markji ta' ADIDAS bħal dawk reġistrati f'isem adidas AG;

21. B'mod simili, nhar it-tlettax (13) ta' Mejju 2024 inħatt ukoll il-kontejner **ECMU8182064**, u meta nfetaħ nhar l-erbgħa u għoxrin (24) ta' Mejju 2024 instabu wkoll oġġetti bil-markji tas-soċjeta' estera adidas AG illi kien hemm suspett illi kienu falsifikati. Nhar it-tlettax (13) ta' Novembru 2024, il-kontejner inħatt f'wieħed mill-imħażen tad-Dwana, u nstabu fih mija u sittin (160) kaxxa b'total ta' disat elef u sitt mitt (9,600) biċċa ħwejjeġ sportivi b'markji ta' ADIDAS bħal dawk reġistrati f'isem adidas AG[3];

22. Finalment, nhar il-ħamsa u għoxrin (25) ta' Mejju 2024, inħatt il-kontejner bin-numru **CMAU8482032**, u meta nfetaħ nhar it-tlieta (3) ta' Ġunju 2024, instab ukoll illi kien jikkontjeni diversi prodotti b'markji u disinji tas-soċjeta' estera adidas AG, illi wkoll dehru suspettużi. Nhar it-tmintax (18) ta' Diċembru 2024, il-kontejner inħatt f'wieħed mill-imħażen tad-Dwana, u nstabu wieħed u tletin (31) kaxxa b'total ta' ħamest elef, ħames mija u tmenin (5,580) biċċa ħwejjeġ sportivi b'markji ta' ADIDAS bħal dawk reġistrati f'isem adidas AG[4];

23. Sussegwentement saret analiżi tal-prodotti minn **Sarah Talbot** u **Aline Olie**, rappreżentanti ta' adidas International Marketing B.V., u f'rapport minnhom imħejji u datat ħdax (11) ta' Lulju 2024[5], iddikjaraw:

> *As requested, after examining the samples, we can confirm that the products in question are definitely counterfeit, and that they were not produced by, or with the authorization of adidas, or any of their affiliates or licensees for, among others, the following reasons:*
>
> 1. *The packaging is not genuine*

[3] **Dok RM2**a fol 151-152 tal-proċess
[4] **Dok RM3** a fol 154-155 tal-proċess
[5] **Dok AC1** a fol 133 *et seq* tal-proċess

2. *The goods do not bear on them proper security labels*
3. *The logos and other signs on the goods have been improperly executed.*

24. Din il-Qorti tqis għalhekk illi ġie pienament u sodisfaċentement pruvat illi kien hemm ksur:

(a) tal-Artikolu 4 tal-Kap 414 tal-Liġijiet ta' Malta, illi jgħid:

> *4.Id-dħul ġewwa Malta, l-esportazzjoni jew ir-ri-esportazzjoni għal ċirkolazzjoni ħielsa, importazzjoni temporanja, tqegħid ġewwa żona ħielsa jew maħżen ħieles ta' oġġetti li jinsabu li jkunu oġġetti li jikkontravjenu dritt ta' proprjetà intellettwali huwa pprojbit.*

(b) tal-Artikolu 9(4) tar-Regolament UE 2017/1001, illi jgħid:

> *4. Without prejudice to the rights of proprietors acquired before the filing date or the priority date of the EU trade mark, the proprietor of that EU trade mark shall also be entitled to prevent all third parties from bringing goods, in the course of trade, into the Union without being released for free circulation there, where such goods, including packaging, come from third countries and bear without authorisation a trade mark which is identical with the EU trade mark registered in respect of such goods, or which cannot be distinguished in its essential aspects from that trade mark.*

(c) u tal-Artikolu 12(7) tal-Kap 597 tal-Liġijiet ta' Malta, illi jgħid:

> *(7) Mingħajr preġudizzju għad-drittijiet tal-proprjetarji li jkunu nkisbu qabel id-data tal-applikazzjoni jew id-data*

*ta’ prijorità tat-trademark reġistrata, il-proprjetarju ta’ dik it-trademark reġistrata għandu jkun ukoll intitolat li jipprevjeni lil kull parti terza milli ddaħħal oġġetti, fil-kors tal-kummerċ, ġewwa Malta, mingħajr ma dawn ikunu ġew rilaxxati għaċ-ċirkolazzjoni libera hemmhekk, meta dawk l-oġġetti, inkluż l-imballaġġ tagħhom, jiġu minn pajjiżi terzi u jkollhom trademark mingħajr awtorizzazzjoni li tkun identika mat-trademark reġistrata fir-rigward ta’ dawk l-oġġetti, jew li ma tkunx tista’ tingħaraf fl-aspetti essenzjali tagħha minn dik it-trademark.*

25. Gialadarba dak allegat mir-rikorrent noe jidher illi ġie korraborat b’dokumentazzjoni, affidavits u atti oħra, din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tilqa’ t-talbiet rikorrenti kif dedotti.

**Decide**

26. Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta’ u tiddeċiedi billi:

i. **<u>Tiċħad</u>** l-eċċezzjonijiet sollevati mill-intimati noe;

ii. **<u>Tilqa’ l-ewwel talba rikorrenti</u>**, u tiddikjara u tiddeciedi illi l-abbiljamenti tal-hwejjeg sportivi in kwistjoni ta’ mija sitta u tmenin (186) kaxxa b’total ta’ ħdax-il elf mija u sittin (11,160) biċċa ħwejjeġ sportiva f’kontejner bin-numru ECMU8109588, mija u sittin (160) kaxxa b’total ta’ disat elef u sitt mitt (9,600) biċċa ħwejjeġ sportiva f’kontejner bin-numru ECMU8182064, u wieħed u tletin (31) kaxxa b’total ta’ ħamest elef, ħames mija u tmenin (5,580) biċċa ħwejjeġ sportiva f’kontejner bin-numru CMAU8482032, li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta’ rikorrenti lil Kontrollur tad-Dwana, huma oggetti falsifikati u jikkontravvjenu l-

Artikolu 2(1)(a) u/jew (b) tal-Kap. 414 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Artikolu 2(5) u/jew (6) tar-Regolament U.E. 608/2013;

iii. **<u>Tilqa’ t-tieni talba rikorrenti</u>**, u tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta’ din l-imsemmija konsenja ta’ abbiljamenti tal-hwejjeg sportivi, fil-kontejners bin-numri ECMU8109588, ECMU8182064 u CMAU8482032, da parti tal-intimati jew min minnhom, u li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta’ rikorrenti lill-Kontrollur tad-Dwana, jikkontravvjenu d-dritt ta’ proprjeta’ intellettwali tas-socjeta’ rikorrenti in kwantu li ma humiex genwini skont l-Artikolu 2(1)(a) u (b) tal-Kap. 414 tal-Ligijiet ta’ Malta u ghaldaqstant jivvjolaw l-Artikolu 4 tal-istess Kap. 414, u dan fil-konfront tar-registrazzjoni tal-EU Trade Mark Numru 003517588, Numru 003517661, Numru 018822339 u Numru 018822340, u tal-markji rregistrati f’Malta f’isem is-socjeta’ rikorrenti taht Numru 10994 u Numru 30173;

iv. **<u>Tilqa’ t-tielet talba rikorrenti</u>**, u tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul minghajr rilaxx ghal cirkolazzjoni libera f’Malta, fil-kors ta’ kummerc, ta’ din l-imsemmija konsenja ta’ abbiljamenti tal-hwejjeg sportivi (inkluz l-imballagg taghhom), fil-kontejners bin-numri ECMU8109588, ECMU8182064 u CMAU8482032, da parti tal-intimati jew min minnhom, u li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta’ rikorrenti lill-Kontrollur tad-Dwana, jikkontravvjenu d-drittijiet esklussivi tas-socjeta’ rikorrenti in kwantu li ma humiex genwini u ghaldaqstant bi vjolazzjoni tal-Artikolu 9(4) tar-Regolament U.E. 2017/1001, u dan fil-konfront tar-registrazzjoni tal-EU Trade Mark Numru 003517588, Numru 003517661, Numru 018822339 u Numru 018822340 irregistrati f’isem is-socjeta’ rikorrenti;

v. **<u>Tilqa’ r-raba’ talba rikorrenti</u>**, u tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul minghajr rilaxx ghal cirkolazzjoni libera f’Malta, fil-kors ta’ kummerc,

ta' din l-imsemmija konsenja ta' abbiljamenti tal-hwejjeg sportivi (inkluz l-imballagg taghhom), f'Containers Numri ECMU8109588, ECMU8182064 u CMAU8482032, da parti tal-intimati jew min minnhom, u li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta' rikorrenti lill-Kontrollur tad-Dwana, jikkontravvjenu d-drittijiet esklussivi tas-socjeta' rikorrenti in kwantu li ma humiex genwini u ghaldaqstant bi vjolazzjoni tal-Artikolu 12(7) tal-Kap. 597 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan fil-konfront tar-registrazzjoni tal-markji rregistrati f'Malta taht Numru 10994 u Numru 30173, irregistrati f'isem is-socjeta' rikorrenti;

vi. **<u>Tilqa' l-ħames talba</u>**, u tordna lill-Kontrollur tad-Dwana a bazi tal-ewwel erba' talbiet sabiex jiddistruġġu l-abbiljamenti tal-hwejjeg sportivi in kwistjoni fi żmien qasir u perentorju ta' disgħin (90) jum mid-data ta' din is-sentenza, minghajr ebda kumpens lil, u ghas-spejjez tal-intimati, skont l-Artikolu 8 tal-Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta u skond il-provvedimenti tar-Regolament U.E. 608/2013;

vii. **<u>Tilqa' s-seba' talba</u>**, u tordna lill-intimati sabiex ihallsu l-ispejjez kollha fir-rigward tat-trasport, tal-hazna, tad-distruzzjoni tal-abbiljamenti tal-hwejjeg sportivi in kwistjoni, u tal-ispejjez tal-ufficjali tad-Dwana skont it-termini tal-Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta u tar-Regolament U.E. 608/2013, u dan kif jirriżulta mit-tliet affidavits tal-Uffiċjal tad-Dwana immarkati **Dok RM1, RM2 u RM3**, a fol 149 *et seq* tal-proċess;

viii. **<u>Tastjeni</u>** milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tas-sitt talba.

Bl-ispejjeż kontra l-intimati, b'dan li l-kuraturi deputati jitħallsu skont il-liġi.

**Moqrija.**

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Reġistratur**